3 ta' Frar, 2010

# IL-FATTI DWAR IN-NOMINA TA' LOUIS GALEA

Minħabba misinformazzjoni u spekulazzjoni infondata f'xi rapporti fil-media konnessi man-nomina tar-rappreżentant ta' Malta fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-iSpeaker Dr Louis Galea qiegħed jagħti l-fatti dwar din in-nomina.

F'laqgħa kordjali ħafna li kellu mal-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi fit-18 ta' Jannar, Louis Galea informa lill-Prim Ministru li huwa ma kienx beħsiebu jikkontesta l-elezzjoni każwali li ser issir biex jimtela s-siġġu fil-Parlament li ser jivvaka l-Ministru John Dalli wara l-ħatra tiegħu bħala Kummissarju tal-Unjoni Ewropea. Informah ukoll li sakemm iż-żewġ naħat tal-Kamra tad-Deputati jibqa' jkollhom fiduċja fih huwa kien lest li jibqa' jservi bħala Speaker.

Il-Prim Ministru wera sodisfazzjon għal din id-deċiżjoni u sostna li l-preferenza tiegħu hi li Louis Galea jibqa' jaqdi d-dmirijiet ta' Speaker.

Fl-istess laqgha, il-Prim Ministru u Louis Galea ddiskutew il-kariga li kienet se tkun vakata fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri wara li tintemm il-hatra tal-Prof. Josef Bonnici. Il-Prim Ministru stqarr ma' Louis Galea li hu kien lest jikkonsidrah ghal din il-kariga ghalkemm il-preferenza tieghu kienet li jibqa' jservi ta' Speaker tal-Parlament. Dr Galea staqsa lil Prim Ministru jekk jistax jaħsibha u jieħu l-fehma tal-familja. Il-Prim Ministru qallu li jkun naturali li jagħmel hekk jekk in-nomina kienet tinteressah.

Fil-fatt Louis Galea ikkonsulta mal-familja. Ikkonsulta wkoll mal-Professur Josef Bonnici, il-membru attwali f'din l-istituzzjoni, li kien diġa ltaqa' mal-Prim Ministru fuq dan is-suġġett. Il-Professur Bonnici informa lil Louis Galea li, mill-esperjenza tiegħu ta' sitt snin f'din l-istituzzjoni, huwa kien tal-fehma li Dr Galea huwa persuna kwalifikata kif jitlob it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal din in-nomina.

Nhar it-Tnejn, 25 ta' Jannar, 2010, Louis Galea kiteb lill-Prim Ministru u informah li bi pjaċir kien lest jaċċetta n-nomina u li jħossu unur li jirrappreżenta lil Malta f'din l-istituzzjoni Ewropea. Nhar it-Tnejn l-1 ta' Frar, 2010, il-Gvern għarraf lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bin-nomina ta' Louis Galea.

Louis Galea iqis in-nomina għal din il-kariga bħala turija ta' fiduċja u stima li l-Prim Ministru għandu fir-rigward tiegħu. Louis Galea wiżen sew il-preferenza li

esprima l-Prim Ministru biex jibqa' Speaker tal-Kamra tad-Deputati kif ukoll l-għażla l-oħra tan-nomina li seta' jikkonsidra. Dr Galea jemmen li xorta jkun ta' servizz għal pajjiżna f'każ li huwa jiġi maħtur f'din il-kariga, u għalhekk għażel li jaċċetta n-nomina.

Louis Galea kellu l-opportunita' jinforma l-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Joseph Muscat qabel l-aħbar dehret f'sezzjoni tal-istampa.

Filwaqt li Louis Galea f'dan l-istadju ser iżomm 'il bogħod mill-ħafna kummenti li qed isiru, jiddikjara li dawn huma l-fatti u kull spekulazzjoni u misinformazzjoni oħra hija infondata u għandha tiġi kompletament injorata.